**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 09/15(27_10_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 27 t'Ottubru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier - daħal tard u wasal fis-6.10 ta' filgħaxija.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-20 t'Ottubru 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
6. Il-Munxar Day 2015.
7. Attivitajiet Milied 2015.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Delega tal-Infurzar Lokali lill-Aġenzija L.E.S.A.'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kjarifiki dwar Memo 21/2015 – L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (L-*WEEE*) miġbura mill-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2015 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Proġetti Ko-Finanzjati mill-Unjoni Ewropea'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Iżjed Riżorsi Umani fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Anzjani, Dipartiment tal-*Customer Services*, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Università tat-tielet età f'Għawdex 2015-2016'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 48/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015 – Programm u Minuti', b'anness il-programm ta' din il-Laqgħa Plenarja tas-17 ta' Ottubru 2015, fil-Lukanda The Palace, tas-Sliema u l-Programm u l-Minuti tal-aħħar Laqgħa Plenarja li saret fis-17 u t-18 ta' Ottubru 2014.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 14 ta' Ottubru 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-53 laqgħa, il-Minuti tat-52 laqgħa li saret fil-31 ta' Awwissu 2015 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet ta' dan il-Kumitat flimkien ma' kopji tal-ittri relatati li ntbagħtu mir-Reġjun Għawdex lil The Guard & Warden Service House Ltd, Kunsill Lokali Ir-Rabat – Città Victoria, Kummissarju tal-Pulizija, Transport Malta u Tribunal Reġjun Għawdex rigward is-*Surveillance Camera* fi Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat Għawdex sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward il-'MOC (Maltese Olympic Committee) Sports Awards 2015 – Local Councils Nominations', fejn ser jingħata *award* li dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali qabel ma jinħatru l-Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi', fejn qed jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsilli l-Artiklu 33 (1) (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Cap 363) dwar il-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Local Enforcement fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward 'LESA – L-Aġenzija tal-infurzar Lokali – Pagamenti'. Saret referenza għall-Memo 26/2015 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ngħatat aktar informazzjoni.

2.12 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-'URBACT III Information Day Session', fid-19 ta' Ottubru 2015, fil-Fortress Builders, Valletta.

2.13 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 44/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'White paper/policy document'. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat il-*feedback* tiegħu dwar il-*White Paper on School Opening Hours and Traffic Congestion* u l-*Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Space* sabiex jiġu inklużi fir-rapport li din l-Assoċjazzjoni tipprepara sabiex ikun ippreżentat lill-Ministeru rispettiv.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva mingħand is-sid tal-istabbiliment tal-ikel 'Paradise Restaurant' fejn qed jitlob *No Objection* sabiex issir tinda fuq il-bankina sabiex isir dell fuq l-imwejjed ta' barra.
Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, basta ma jissaqqafx il-passaġġ minn fejn se jgħaddi l-pubbliku.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità rigward in-nuqqas ta' aċċessibilità fil-Bajja tax-Xlendi. Huma qed iwasslu lment li rċevew li jgħid li n-nuqqas ta' aċċessibilità teżisti minħabba l-fatt li l-lukandi u r-ristoranti ta' madwar il-baħar ipoġġu l-imwejjed u s-siġġijiet eżattament maċ-ċint ta' mal-baħar u f'temp ta' kesħa u xita dawn jagħlqu bil-*plastic* l-*area* kollha, biex ikun hemm kenn għall-klijenti tagħhom, bil-konsegwenza li l-baħar tkun tista' tarah biss minn ġol-*plastic* u min-naħa l-oħra tat-triq. B'hekk il-baħar/il-bajja ma tistax titgawda minn fuq l-art minħabba li persuna ma tistax toqgħod ħdejn iċ-ċint li jħares direttament fuq il-baħar. L-imwejjed tar-ristoranti m'għandhomx jitpoġġew eżatt mal-baħar sabiex iħallu spazju għall-pubbliku biex jgħaddi u jippassiġġa man-naħa tal-baħar għax b'hekk biss wieħed ikun jista' jgawdi l-baħar/il-bajja, hu min hu u għandu x'għandu. Il-pubbliku in ġenerali għandu jkollu l-aċċess min-naħa tal-baħar u mhux min-naħa l-oħra tat-triq, kif inhi s-sitwazzjoni preżenti.
Bħalissa l-MEPA flimkien ma' numru ta' entitajiet pubbliċi nedew *policy* għall-imwejjed u siġġijiet għall-konsultazzjoni tal-pubbliku. Jekk din il-*policy* tiġi approvata, il-MEPA ser tkun f'pożizzjoni aħjar li tirregola u tinforza. Jekk trid, il-KNPD tista' tagħmel proposta u tirrimarka dwar din il-*policy*.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand residenta fi Triq ir-Rumani rigward siġra kbira li kienet qed toħroġ fuq it-triq. Wara li interviena ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv lx-Xlendi, din is-siġra nqatgħet u tneħħa kull periklu.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Dr Chris Said bħala x-*Shadow Minister* għal Għawdex fejn qed jitlob sabiex fil-ġimgħat li ġejjin jiltaqa' mas-Sindku u l-Kunsilliera kollha tal-Kunsill sabiex jiddiskuti dwar il-ħidma li qed iwettaq il-Kunsill kif ukoll dwar l-għajnuna li tista' tagħti l-oppożizzjoni lill-Kunsilli Lokali Għawdxin. Is-Sindku tilqa' t-talba għal-laqgħa u din ser issir aktar 'il quddiem.

3.05 Il-Kunsill irċieva talba sabiex jinbnew mill-ġdid żewġ ħitan tas-sejjieħ, wieħed diġà waqa' u l-ieħor fil-periklu li jaqa'. Dawn il-ħitan jinsabu fil-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku ser tkellem lill-ħaddiema tas-CMU sabiex jinbnew minnhom.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Damien Bigeni għan-nom ta' resident fi Triq il-Munxar. Huwa qed jilmenta dwar il-veloċità eċċessiva li biha jgħaddi t-traffiku mit-triq u n-nuqqas ta' sinjali u *sleeping police* fl-istess triq.
Qed jilmenta wkoll għall-fatt li quddiem il-proprjetà tiegħu ma hemmx bankina u dak li jkun ħiereġ mill-proprjetà tiegħu jispiċċa direttament fit-triq hekk kif jirfes mill-għatba ta' daru 'l barra u peress li l-proprjetà hija frekwentata minn turisti matul ix-xhur tas-sena, jagħmel rimedju f'dana r-rigward aktar u aktar urġenti. Is-sid qed iżomm lill-Kunsill responsabbli għad-danni kollha li jista' jġarrab kaġun ta' dan kollu.
Il-Kunsill kien ser ikellem lill-Perit William Lewis sabiex jerġa' jippreżenta dik il-pjanta li kien ipprepara xi snin ilu u li l-istess sid ma jridx li ssir peress li kkapparra parti mill-bankina bil-qsari kbar.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Għawdex 2015 organizzati mir-Reġjun b'kollaborazzjoni mal-Valletta 2018, l-organizzaturi tal-Valletta 2018 jixtiequ li ssir attività kommemorattiva ta' personalitajiet ġejjin minn lokalitajiet differenti li għamlu ġieħ lil-lokalità. Għaldaqstant, il-Kunsill qed ikun mistieden sabiex jagħżel personalità sabiex tiġi kommemorata. Il-personalità li tintgħażel mhux neċessarjament tkun bilfors imwielda fil-lokalità, iżda importanti li tkun tat matul ħajjietha kontribut sinjifikanti għal-lokalità.
Il-Kunsill tal-Munxar innomina lill-Professur Ġużè Aquilina.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Rappreżentant tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin. Huma qed jitolbu għajnuna mill-Kunsill sabiex iżejnu l-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali u tidħol fil-kompetizzjoni tal-Malta Records. Fl-istess *e-mail* qed jilmenta għall-fatt li l-Kunsill ma għadux jgħid liż-żgħażagħ sabiex jaqtgħu l-ħaxix peress li dak kien ikun parti mid-dħul li kien ikollhom. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' żewġ rappreżentanti ta' din is-sezzjoni fil-preżenza tal-Kappillan. Ġie spjegat li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet u lanqas ma jista' jidħol f'xi kompetizzjoni tal-Malta Records. Bħalissa Ġnien Ragalna qed jieħu ħsiebu ħaddiem li ntbagħat mill-Ministeru għal Għawdex u barra qtugħ ta' ħaxix qed jiknes, jiżbor is-siġar u jiżbogħ l-għamara tal-injam.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Green MT rigward il-*Bring-in-Site* tal-Munxar. Huma qed jitolbu li lesti jneħħu l-*Bring-in-Site* li hemm 'Domes' fil-Munxar u jibdluhom ma' settijiet iżgħar fuq ir-roti bħalma hemm Ix-Xlendi. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 09/15(27_10_15).

**5.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar din l-iskema li ġiet imnieda mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, flimkien mal-Valletta 2018 Foundation li permezz tagħha ser tingħata għajnuna sabiex jiġu organizzati attivitajiet kulturali fil-lokalità. Din l-iskema hija mmirata biex tinċentiva lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu inizjattivi favur l-iżvilupp kulturali billi fost l-oħrajn jippromovu attivitajiet artistiċi u kulturali bil-parteċipazzjoni ta' artisti, artiġjani u għaqdiet kulturali lokali. Qed issir enfasi iktar qawwija fuq dawk il-proġetti li jistgħu jgħinu lil-lokalitajiet jibnu programm kulturali li jwassal għas-sena meta Malta u Għawdex ser ikunu qed jospitaw il-Belt Kulturali Ewropea fl-2018.
L-idea hi li ssir attività dwar il-mużika li tkun imqassma fi tliet partijiet fil-Munxar; fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, fil-Pjazza tal-Knisja u l-Knisja u fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. F'din l-attività jiġu involuti ż-żgħażagħ. Ser jiġi studjat jekk din l-attività hijiex vijabbli.

**6.00 Il-Munxar Day 2015.**

6.01 Bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill ser jiċċelebra Jum Il-Munxar 2015 li ser jaħbat is-Sibt, 12 ta' Diċembru 2015. Ser issir quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar. Wara ser issir is-serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. F'din is-serata se jkun hemm kant mill-Kor 'Ilħna Smewwija'. Is-siltiet mużikali ser isiru minn *due*. Ser issir il-preżentazzjoni 'Ġieħ Il-Munxar 2015'. Ser ikun hemm messaġġi mill-Kappillan, mill-Ministru għal Għawdex u mis-Sindku tal-Munxar u jindaqq l-Innu Malti. Wara jkun hemm riċeviment.

**7.00 Attivitajiet Milied 2015.**

7.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' Rappreżentant tal-Munxar Falcons FC u l-Għaqda tal-Armar fil-preżenza tal-Kappillan. Membri tal-klabb tal-*football* ser jarmaw il-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Karmnu u Ix-Xlendi. L-Għaqda tal-Armar ser tarma Triq San Pawl, Il-Munxar. Huma ntalbu jgħaddu pjanta ta' kif inhu ġej l-armar u li sal-1 ta' Diċembru 2015, l-armar irid ikun jixgħel.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

Is-Sur Damien Spiteri ntalab joħroġ mill-kamra peress li l-Kunsill kien se jiddiskuti materja li huwa għandu interess pekunarju.

8.01 Kemm il-proġett ta' Triq Żgħawri kif ukoll tal-Pjazza tal-Knisja huma lesti. Il-periti qed jaħdmu fuq il-kontijiet. Inqala' disgwid rigward xogħol li sar mill-Kuntrattur Sammy Spiteri peress li huwa ma huwiex jaqbel mal-mod ta' kif sar il-kejl tal-ħitan tas-sejjieħ. L-Avukat tal-Kunsill informa lill-kuntrattur sabiex jibgħat l-*invoice* li tkopri xogħlijiet li ġew koperti fil-kejl tal-Perit William Lewis u jekk qed jippretendi aktar għandu jsir arbitraġġ. Huwa rrisponda permezz tal-Avukat Kevin Mompalao u bagħat *invoices* ta' kif ix-xogħol ġie mkejjel bil-*quantity surveyor* tiegħu.
Ġie deċiż li l-Kunsill jirrispondi bl-avukat u jibqa' jsostni l-pożizzjoni oriġinarjament tal-Kunsill.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku rċeviet ilment li fi sqaq ta' Triq San Pawl qed jintefa' *ż-żibel*. Għaldaqstant, il-Kunsill waħħal tabella sabiex ma jibqgħux jitfgħu żibel hemm.

9.02 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li rċeviet talba mingħand residenta ta' Triq Ta' Marżiena sabiex issir *zebra crossing* f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li jagħmel talba lil Transport Malta sabiex ikun stabbilit kemm irid jitneħħa *parking* fil-viċin.

9.03 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fis-snin l-imgħoddija l-Kunsill kien jgħin lid-*Day Centre* tal-Anzjani billi jikkontribwixxi s-somma ta' €500 fis-sena sabiex jitħallas it-trasport tal-ħarġiet u spejjeż oħra. Hija rrakkomandat li din l-għajnuna tingħata wkoll għas-sena 2015/2016. Kien hemm qbil dwar dan.

9.04 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li issa ladarba l-4 *pots* ġew impoġġija fil-Pjazza tal-Knisja, il-Kunsill irid jixtri l-*liners* u l-pjanti għal ġo fihom. Il-Kunsill kien ser jiġbor tliet kwotazzjonijiet.
Il-Kunsill ser jixtri wkoll tliet bankijiet sabiex jibdlu dawk il-bankijiet li kienu kbar u qodma.

9.05 Il-Kunsill irċieva r-riżultat tal-appell li kien sar minn kuntrattur dwar l-offerta sabiex il-passaġġ tax-Xlendi jinkesa biċ-ċangatura. Il-bord irrakkomanda li l-Kunsill jerġa' jiġġudika mill-ġdid u jagħżel lil dak il-kuntrattur li offra skont ir-rekwiżiti mitluba.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-formola dwar l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tat-torri hija lesta u ser tiġi ppreżentata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. F'din l-applikazzjoni hemm indikat l-estimi finanzjarji tal-proġett.

10.02 Bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill se joffri s-servizz ta' tilqima tal-influwenza mill-Berġa tal-Munxar. Din is-sena applikaw 53 persuna li se jiġu fil-berġa u 5 persuni li jrid imur it-tabib id-dar tagħhom.
Ġie deċiż li t-tilqima ssir minn Dr Peter Muscat għall-prezz ta' €1.50 kull tilqima.

10.03 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab sabiex jekk is-Segretarju Eżekuttiv ser iħalli xi *vacation leave* minn tas-sena 2015 għas-sena 2016, dan għandu japplika. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-ammont ta' 96 siegħa *vacation leave* tas-sena 2015 jittieħdu fis-sena 2016. Kien hemm qbil dwar dan.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill li fi Triq San Pawl ġara aċċident fejn karozza baqgħet dieħla fil-faċċata ta' dar u hemm bżonn li jsir *sleeping police* jew issir bozza għal aktar dawl.

11.02 Is-Sur Robert Mallia qed jitlob sabiex ma' dak il-post fejn sar l-aċċident tal-karozza jsiru tliet *bollards* imwaħħla mal-art quddiem il-bankina.

Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq it-12 ta' Diċembru 1957 hemm *wire* tad-dawl li ddendel għal ġot-triq.

11.03 Is-Sur Paul Curmi reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Ras il-Bajjada li huma mwaqqgħin sabiex jinbnew minn ħaddiema tas-CMU.

11.04 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar siġġijiet mormija mal-art maġenb il-*Bring-in-Site* tal-Munxar.

Huwa staqsa wkoll dwar is-sitwazzjoni tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku infurmatu li dan il-wied se jitnaddaf mill-Ministeru għal Għawdex.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***